MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Numru 1032/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)**

**vs**

**Marco Cachia**

**Illum 7 ta' Jannar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Marco Cachia ta' 38 sena, iben Lawrence u Imelda nee' Micallef imwieled Pieta` fit-22 ta' Awissu 1965 u residenti 138, Flat 4. Triq l-Arcisqof, Valletta u detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 391865M gie akkuzat:

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’Dicembru 1998 u fix-xhur ta’ wara b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi:

a. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozzizjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta’ Louis Portelli u ta’ persuni ohra fuq zewg cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta’ L Portelli Newmans Place u aktar talli xjentament ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b. iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe` cekkijiet tal-BOV fuq l-akkont ta’ L Portelli Newmans Place u persuni ohra, illi meta jigi ppresentat wiehed jista’ jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbilment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ngann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen esitenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ LM 265 bi hsara ghal Bank of Valletta, Louis Portelli u persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

d) xjentament laqa’ ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwisti b’reat, jew xjentament b’kull

mod li ikun indahal biex immexxihom jew ibieghhom u dan bi ksur ta’ l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Genarali esebit bhala Dok. HD3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat illi l-akkuza d) li tirrigwarda ricettazzjoni, dina l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuzi a., b. u c. u ghalhekk talbet lill-Qorti tastejni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Innutat ukoll li l-imputat ammetta l-akkuzi a., b. u c.

Il-Qorti wissiet bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzia a., b. u c.

Innutat li fid-deposizzjoni moghtija fis-Seduta ta’ llum minn Louis Portelli dan ikkonferma li l-ammont ta’ danni sofferti minnu f’dan il-kaz huwa ta’ Lm265. Ghalhekk il-pretensjoni tieghu fil-konfront ta’ l-imputat Marco Cachia hija ta’ Lm265.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija. Inoltre fl-istess Verbal Dr Lara Lanfranco ghall-imputat iddikjarat li l-imputat qed jobbliga ruhu illi fi zmien tlett xhur millum ihallas lil Louis Portelli is-somma ta’ Lm265 rappresentanti d-danni kagunati lill-istess Louis Portelli.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 167, 169, 308 u 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Marco Cachia, fuq ammisjoni, hati ta' l-akkuzi a., b. u c. migjuba fil-konfront tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi il-fedina penali tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u dak dikjarat fl-istess Verbal minn Dr Lara Lanfranco ghall-imputat li l-imputat qed jobbliga ruhu illi fi zmien tlett xhur millum ihallas lil Louis Portelli is-somma ta' Lm265 rappresentanti d-danni kagunati lill-istess Louis Portelli, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghamilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inkwantu ghall-akkuza d) migjuba kontra l-imputat, peress li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuzi a., b. u c. tastejni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Marco Cachia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------